MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 14

30 ta' Diċembru 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 14 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 30 ta' Diċembru 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.5. **(Ref: F/1/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"10.5. Kien hemm għotjiet li saru b'riżq is-serjè ta' ħames attivitajiet li ttellgħu f'diversi ġonna pubbliċi fil-lokalità, imsejħa Mellieħa Gardens By Night, li kienu jammontaw €1,340. Kien hemm donazzjoni ta' €700, b'riżq il-kunċert imtella' fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twelid ta' Giacomo Puccini, kif ukoll dħul ta' €140 mill-bejgħ ta' xogħol ta' artiġjanat minn Adenau waqt l-Iljieli Melleħin. Sar aċċenn mis-Sindku li lejn l-aħħar ta' Ottubru 2008 l-HSBC Bank plc għadda €500 oħra b'riżq l-istess attività. Flimkien ma' dawn kien hemm abbonament fil-magazin "Mill-Qiegħa", li laħħaq €70. Dħul ieħor kommess kien jikkonsisti kif ġej: "*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 13 ta' l-1 ta' Diċembru 2008 ġew approvati u ffirmati bl-emenda mressqa.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Xogħlijiet fi Triq il-Kbira bejn Triq il-Qortin u Triq Għajn Żejtuna (T/4/13/Vol VII)

2.1.2. Is-Segretarju għarraf li skond stima sottomessa mill-*Contract Manager* – M.P. & D.C. Ltd, l-ispiża marbuta mal-kisi mill-ġdid ta' Triq il-Kbira fil-parti indikata, flimkien mal-*culverts* għall-ilma tax-xita, hija mqassma kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Tħaffir ta' trinek għal-*culvert* għall-ilma tax-xita | 12,561 |
| Provista u tqegħid ta' pajpijiet | 10,742 |
| Provista ta' konkos madwar il-pajpijiet | 13,618 |
| Provista ta *lean mix* fuq il-pajpijiet | 4,246 |
| Formazzjoni ta' spralli bil-konkos | 5,382 |
| Kostruzzjoni tal-*catchpits* | 4,851 |
| Gradi tal-ħadid | 3,150 |

| | |
|---|---|
| Qtugħ tat-trufijiet tat-tarmak bil-lupa | 99 |
| Tqaxxir tal-wiċċ mhux iktar minn 300mm | 20,271 |
| Tqaxxir ta' 150mm addizzjonali | 10,135 (skond il-ħtieġa) |
| Provista ta' torba | 6,171 |
| Provista ta' cement *stabilization course* | 14,616 (skond il-ħtieġa) |
| Provista ta' xibka għall-art | 6,699 (skond il-ħtieġa) |
| Provista u applikazzjoni tat-*tack coat* | 743 |
| Provista ta' tarmak għall-*base course* (100mm) | 40,542 |
| Provista ta' tarmak għall-*wearing course* (40mm) | 17,284 |
| 10% Kontingenza | 17,111 |
| Total | €188,220 |

2.1.3. Intqal ukoll li jista' jagħti l-fatt, wara li jsiru t-testijiet, illi l-istruttura tat-triq tkun soda biżżejjed biex f'ċerti postijiet ma jkunx meħtieġ li tingħata *stabilization course* mal-medda involuta. F'dan il-każ, il-probabilità hija li l-ispiża tonqos sostanzjalment.

2.1.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar jekk humiex ser jittieħdu miżuri sabiex jiġu evitati għadajjar ta' l-ilma tax-xita fil-*lay-bys* tal-bankini. Huwa ppropona li l-katusi li hemm fil-*buildouts* tal-bankini għandhom jitneħħew u minflokom isiru *gutters* li faċilmenti ikunu jistgħu jinqalgħu biex jitnaddfu. Is-Segretarju wieġeb li ser jingħata qlib fil-wiċċ tal-*lay-bys*, kif ukoll ser ikun hemm spralli għall-ilma, bejn l-istess *lay-bys* u l-karreġġjata. Ġie spjegat ukoll li l-ispralli ser ikunu biss bejn Triq Għajn Żejtuna u Triq il-Qortin. Minkejja dan, fil-parti ta' fuq, l-ilma mil-*laybys* ser jiġi eliminat billi l-wiċċ tagħhom jinqaleb lejn il-karreġġjata.

2.1.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ssuġġerixxa li tiġi studjata l-possibilità li jsiru lampi ġodda tat-tip *single arm* biex Triq il-Kbira tkun aktar mdawwla.

2.1.6. Is-Segretarju ppropona li jiġu eliminati l-arbli li hemm fejn kull villa fejn hemm il-*cables* jaqsmu nofs it-triq.

2.1.7. Il-Kunsill approva l-istima u qabel li għandhom jiġu mistħarrġa l-proposti mressqa.

## 2.2.1. Żoni għall-għawwiema u l-opri tal-baħar (X/1/1/Vol II)

2.2.2. Saret referenza għal ittra datata 9 ta' Diċembru 2008, mibgħuta mill-Awtorita` Marittima ta' Malta fejn intqal li għadha kemm fasslet żoni għall-għawwiema u għall-opri tal-baħar għall-bajjiet li jaqgħu fil-lokalità tal-Mellieħa li huma:

- Paradise Bay;
- L-Imġiebaħ
- L-Għadira
- Tal-Mixquqa
- L-Armier u l-Armier iż-Żgħir;
- Ix-Xquq (Anchor Bay)
- Bejn Selmun u l-Gżejjer ta' Pawl

2.2.3. Ġie spjegat li fil-bajjiet kollha elenkati ġew stabbiliti meded fejn:

- ma jistgħux jiġu ankrati opri tal-baħar 20 metru fuq kull naħa ta' passaġġ fejn jista' jsir il-varar sa 100 metru bogħod;
- 10 metri bogħod miż-żoni għall-għawwiema;
- 20 metru bogħod mill-meded fejn huma permessi l-irmiġġi.

2.2.4. Ġew stabbiliti u żoni fejn il-veloċità ser tkun ristretta f'dawn il-postijiet:

- Postijiet fejn it-traffiku huwa kbir;
- Qrib postijiet indikati għall-għawwiema; u
- Qrib iż-żoni indikati għall-irmiġġi.

2.2.5. Is-Segretarju qal ukoll li minn kuntatti li huwa kellu ma' l-uffiċjal konċernat, irriżulta li t-tibdil illi qed jiġi propost jinvolvi l-introduzzjoni ta' żoni għall-għawwiema fil-postijiet segwenti:

- It-Trunċiera (Ta' Ġerbulin);
- l-Armier;
- Tal-Prajjet; u
- fil-fliegu li hemm bejn l-inħawi tal-Blata u l-Għejjer ta' Selmun.

Qal ukoll li hemm bajjiet / xtut popolari oħra li ma ġewx inklużi fil-proposti li saru. L-istess Awtorità talbet ir-rejazzjoni tal-kunsill dwarhom.

2.2.6. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li xi opri tal-baħar jgħaddu mill-fliegu bejn Selmun u l-Għejjer ta' San Pawl b'veloċità qawwija, filwaqt li l-irdumijiet li hemm fl-istess inħawi ma jippermettux li wieħed jinduna bil-preżenza ta' l-għawwiema. Huwa għalhekk ippropona li m'għandux ikun hemm żona għall-għawwiema f'dawn l-inħawi.

2.2.7. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier J. Azzopardi, is-Segretarju wieġeb li l-Bajja tal-Mistra u r-Ramla tat-Torri l-Abjad ma ġiewx inklużi fl-eżerċizzju li sar.

2.2.8. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' l-Awtorità Marittima dwar il-fliegu bejn Selmun u l-Ġżejjer ta' San Pawl u l-ommissjoni tal-Bajja tal-Mistra u r-Ramla tat-Torri l-Abjad, iċ-Ċirkewwa, il-Bajja ta' Wied Musa, ir-Ramla tal-Bir, ir-Ramla ta' Kejli / Ramlet il-Qortin, ix-Xatt ta' Santa Marija u quddiem il-boathouses ta' Dawret it-Tunnara.

## 2.3.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qasab k/m Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol VIII)

2.3.2. Saret referenza għal ilmenti li saru, fost oħrajn mill-Għaqda Residenti ta' Santa Marija Estate, dwar sewqan perikoluż fil-*junction* ta' Triq Għajn Żejtuna ma' Triq il-Qasab. Dan peress li xi sewwieqa qed jibqgħu għaddejjin għad-dritt.

2.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-vetturi telgħin minn Triq il-Qasab għandhom jinżammu fiżikament milli jsuqu lejn il-lemin, billi ssir *centre strip* qabel it-*traffic island* eżistenti. Kien hemm qbil li l-istess *centre strip* għandha tkun maqtugħa sabiex ikun jista' jgħaddi l-ilma tax-xita.

## 2.4.1. Użu ta' kamra taħt Ġnien iż-Żerniq (P/4/16/Vol III)(P/4/4/Vol III)(A/4/10)

2.4.2. Saret referenza għal talba datata 18 ta' Diċembru 2008 mibgħuta minn Dr Rudolf Ragonesi f'isem il-Heritage Parks Foundation, fejn talab li l-kamra li hemm biswit il-latrina ta' Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata, tintuża bħala uffiċċju mir-*ranger* tal-fundazzjoni. Minbarra hekk, l-istess kamra tintuża wkoll sabiex jitqiegħed apparat tas-*CCTV*.

2.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba ma tistax tiġi milqugħa billi l-kamra tista' tintuża biex tinżamm ix-xibka tat-tunnara li fil-preżent qed tinżamm f'garaxx privat fi Triq San Ġorġ.

## 2.5.1. Reviżjoni taż-Żona ta' Konservazzjoni Urbana (P/5/7)

2.5.2. Is-Segretarju rrefera għal korrispondenza datata 26 ta' Novembru 2008, mibgħuta mill-MEPA, fejn tħabbar li qed issir reviżjoni ta' l-*Urban Conservation Area* tal-Mellieħa. Sussegwentement sar seminar dwar l-istess suġġett fit-12 ta' Diċembru 2008. Huwa spjega li ġew indikati numru ta' binjiet fil-*U.C.A.* permezz ta' ritratti, liema binjiet ġew ikklassifikati f'erba' livelli differenti – A, B, B+, u C. Intqal ukoll li l-Kunsill intalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar din il-materja.

2.5.3. Il-Kunsillier talab sabiex jinkisbu l-kriterji applikabbli għal kull livell qabel il-Kunsill ikun f'posizzjoni li jagħti l-kummenti tiegħu.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 27/11/08 – 23/12/08
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 20/11/08 – 22/12/08
- ***Purchase Request Form* – 23/12/08**
- Skeda ta` ilmenti - 0720/08 – 0760/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Skema ta' incentivi lill-awturi mil-lokalità (P/3/3)

4.1.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għal minuta 8.8 tas-seduta preċedenti fuq is-suġġett t'hawn fuq u staqsa dwar jekk il-kunsillieri tal-Partit Laburista jixtiequx jinnominaw persuna fuq il-bord, li għandu jevalwa liema materjal jibbenefika mill-iskema. Is-Sindku ppropona li l-bord ikun kompost minnu bħala *chairman*, mis-Sur Edgar Galea Curmi, is-Sur Paul Mifsud u Anthony Borg.

4.1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li huwa ser ikun ir-rappreżentant tal-Partit Laburista fuq il-bord.

4.1.4. Il-Kunsill approva l-membri kif proposti mis-Sindku bl-inklużjoni tal-Kunsillier J. Buttigieg.

### 4.2.1. Skambji ta' żjarat mit-tfal ta' Cavriglia u dawk tal-Mellieħa taħt il-Programm COMENIUS (P/10/2)

4.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Comune di Cavriglia baqa' jinsisti li t-tfal involuti fl-iskambju għandhom jiġu alloġġjati mal-familji, partikularment sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, kif ukoll għaliex b'dan il-mod ikun hemm aktar integrazzjoni bejn iċ-ċittadini taż-żewġ lokalitajiet. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li min-naħa l-oħra ma jidhirx li hemm daqstant entużjażmu mill-ġenituri li jagħtu kunsens lil uliedhom, minħabba din ir-raġuni. Huwa għalhekk qal li għandha tiġi mistħarġa l-possibilta` li jidħlu wkoll it-tfal li jattendu l-Mellieħa Football Nursery u l-Mellieħa Basketball Club.

4.2.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-aħjar żmien biex imorru t-tfal Melleħin ikun matul il-btajjet ta' l-Għid, fl-ewwel nofs ta' April 2009. Il-Kunsillieri J. Buttigieg u H. Fenech, jistudjaw din il-possibilta`, fil-kapaċitajiet tagħhom ta' presidenti tal-Mellieħa Football Nursery u l-Mellieħa Basketball Club, rispettivament.

4.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Comune di Cavrigla għandhom jiġu nfurmati b'din il-proposta sabiex jikkunsidrawha.

### 4.3.1. Premju moghti mill-Kumitat Olimpiku Malti ghall-Kontribut lill-Isports (N/1/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti. Il-Viċi Sindku aċċenna għall-fatt li l-Kunsill Lokali Mellieħa rebaħ il-premju msemmi mogħti mill-Kumitat Olimpiku Malti għall-kontribut lill-isports Malti. Dan ġie ppreżentat lis-Sindku waqt serata apposta li saret fis-7 ta' Diċembru 2008.

4.3.3. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni t-tagħrif mogħti.

### 4.4.1. Milied Mellieħi 2008 (A/5/3/6)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.4. tas-seduta preċedenti, dwar l-attivitajiet marbuta mal-Milied Mellieħi li żvolġew bejn id-19 u l-25 ta' Diċembru 2008 taħt it-tinda f'Misraħ il-Parroċċa u nfetħu minn Dr Chris Said, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni. Huwa qal li kien sodisfatt ħafna bil-konkorrenza tal-pubbliku anke minn barra 'il-Mellieħa. Huwa qal li dan kien dovut għall-pubbliċità li ngħatat fuq l-istampa u l-mezzi tax-xandir, kif ukoll għar-rispons li kien hemm mill-għaqdiet tal-lokalità. Fattur ieħor li kkontribwixxa għal dan is-suċċess kienu ż-żjarat li saru minn diversi politiċi bħalma huma l-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, il-Kap ta' l-Opposizzjoni Dr Joseph Muscat, li kien akkumpanjat mid-Deputat Mexxej għall-Affarijiet tal-Partit Dr Toni Abela, l-Ministru għall-Għawdex Giovanna Debono, id-Deputati Evarist Bartolo, il-Perit Ċensu Galea u t-Tabib Michael Farrugia. Attendew ukoll ċ-*Chairperson* ta' l-Alternattiva Demokratiku Dr Arnold Cassola, is-Segretarju Ġenerali u t-Teżorier tal-Partit Nazzjonalista Dr Paul Borg Olivier u s-Sur Peter Darmanin, rispettivament.

4.4.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf li l-i*sponsorship* u dħul ieħor marbut ma' din l-attività, inkluża l-għotja ta' €3,000 li saret applikazzjoni għaliha mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, huma

stmati li jammontaw għal €7,200. Il-Kunsill mistenni li jibqgħalu żbilanċ ta' €2,500, billi n-nefqa hija stmata li titla' €9,700.

4.4.4. Il-Kunsillier P. Cutajar ikkummenta li meta jitqies l-ammont ta' nies li attendew, darba oħra jkun aktar għaqli jekk jintalbu s-servizzi tas-Saint John's Ambulance Brigade. Huwa qal ukoll li ż-żkuk li tqabbdu bħala fjakkoli ħolqu effett sabiħ, għalkemm kien hemm waħdiet li ħolqu nkonvenjent bil-mod kif inħarqu.

4.4.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna għall-fatt li l-għaqdiet li kienu preżenti fit-tinda rreġistraw ammont ta' bejgħ sostanzjali. Huwa qal li s-somma li jifdal, meta jinqatgħu l-ispejjeż ser tingħata donazzjoni b'għan filantropiku.

4.4.6. Is-Sindku qal li qabel l-attività nkiseb il-permess mid-Dipartiment tal-V.A.T. sabiex l-oġġetti u l-ikel li nbiegħu mill-għaqdiet ikun eżentat mill-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Huwa qal li għad trid tiġi stabbilita data meta l-għaqdiet kollha flimkien ikunu jistgħu jippreżentaw l-għotjiet tagħhom.

4.4.7. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li l-bejjiegħa li kien hemm fit-tliet tined żgħar li kien hemm fuq naħa waħda tal-pjazza lmentaw li kienu żvantaġġjati f'dak li huwa bejgħ, paragunati ma' dawk li kien hemm taħt it-tinda l-kbira. Is-Sindku wieġeb li inizjalment dan kien il-każ, iżda lejn l-aħħar ta' l-attività l-istess bejjiegħa kienu sodisfatti mill-bejgħ li kien hemm.

### 4.5.1. Ħmistax-il anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (K/1)

4.5.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li tintbagħat nota ta' apprezzament lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni Dr Chris Said rigward l-attività li saret fl-iskola primarja fl-4 ta' Diċembru 2008, bil-parteċipazzjoni tiegħu u ta' l-ex-sindki tal-Mellieħa Joseph Borg u tiegħu, flimkien mas-sindku attwali Robert Cutajar. Huwa fakkar li din seħħet wara kuntatti li kien hemm bejnu u l-Kap ta' l-istess skola – is-Sinjura M. Leone.

4.5.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf li l-ex-sindku Saviour Vella ma setax jieħu sehem peress li kien imsiefer. Huwa qal ukoll li jixtieq jingħaqad ma' din il-proposta tas-Sur J. Buttigieg biex anke jifraħ lis-Segretarju Parlamentari għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha li saru biex ifakkru l-ħmistax-il anniversarju mit-twaqqif tal-kunsilli lokali.

### 4.6.1. *Tournament* tas-*Snooker* u *American Pool* (S/4/2/Vol II)

4.6.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li sad-data tas-seduta kienu ġew iffurmati ħdax-il tim minn fost il-każini u bars fil-Mellieħa.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Ġemellaġġ mal-lokalita` ta' Ayia Napa (K/1/5/4)

4.8.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 20.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li għaddej b'kuntatti ma' sabiex isir magħruf jekk huwiex possibbli li jinġiebu fondi permess tal-*Europe for Citizens Programme Action 1a* ta' l-Unjoni Ewropeja, b'riżq xi ġemellaġġ ma' lokalità oħra li jista' jiddieċiedi dwaru l-Kunsill aktar 'il quddiem. Huwa qal li din hija lokalita` turistika fix-xlokk tal-gżira, b'karatteristiċi simili għal dawk tal-Mellieħa.

4.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li kienu saru żewġ applikazzjonijiet simili fil-każ tal-ġemellaġġ li sar ma' Cavriglia, iżda dawn kienu ġew rifjutati t-tnejn, minkejja li t-talba saret permezz tal-konsulent.

4.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 23 ta' Diċembru 2008.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-27 ta' Novembru u t-22 ta' Diċembru 2008.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopru l-perjodu bejn l-20 ta' Novembru u t-22 ta' Diċembru 2008

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

**7.1. Żjara ta' kortesija mill-Prinċipal tal-Kulleġġ Marija Regina (S/3/1)**

7.2. Is-Sindku għarraf li din iż-żjara tħalliet għas-seduta li jmiss minħabba raġunijiet ta' ħin.

**8.1. Identifikazzjoni ta' proġetti għal finanzjament permezz tal-programm LEADER ta' l-Unjoni Ewropea (P/10/2/Vol III)**

8.2. Saret referenza għal lista mibgħuta minn Dr Gordon Cordina dwar kunċetti li jista jaddotta l-kunsill biex jidentifika proġetti li jistgħu jitwettqu bil-fondi msemmija.

8.3. Fuq proposta mill-Kunsillier J. Buttigieg, kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jkompli jiġi diskuss fil-preżenza ta' Dr Cordina.

**9.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2009 (A/5/3/1/Vol X)**

9.2. Is-Segretarju rrefera għall-kriterji li fuqhom ingħataw l-onorefiċenzi ta' Rikonoxximent u Ġieħ il-Mellieħa fl-edizzjoni ta' Jum il-Kunsill 2008. Kopja tagħhom ġiet mgħoddija lil kull kunsillier qabel is-seduta.

9.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' ittra datata 17 ta' Diċembru 2008, mibgħuta mill-Palazz tal-President, sar magħruf li l-Eċċ. Tiegħu Dr Edward Fenech Adami aċċetta l-istedina li saritlu sabiex is-serata ssir taħt il-patroċinju tiegħu.

9.4. Is-Sindku għarraf li fit-13 ta' Diċembru 2008 saret laqgħa li attendew għaliha s-Sinjuri Philip Vella, Jimmy Muscat, Anthony Fenech, Patrick Vella, flimkien miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sinjuri Ernest Vella u David Muscat ma setgħux jattendu. Din il-laqgħa kienet intiża sabiex tiġi diskussa l-ideja li jittellgħa *musical* dwar il-mixja tal-Mellieħa matul iż-żmien. Is-Sinjuri J. Muscat u A. Fenech ftehmu mal-kompożitur Philip Vella li jgħaddulu l-kliem ta' uħud mill-kanzunetti li ser jiġu nklużi fil-*musical*. Dawn jittrattataw: l-oriġini ta' l-isem Mellieħa; il-bidu tal-Kristjaneżimu, żmien il-Kavallieri; u t-Tieni Gwerra Dinjija. Il-kanzunetti li ser jinkitbu minn A. Fenech jittrattaw: il-bidwi u s-sajjied Mellieħi; it-turiżmu u l-bajjiet, fost suġġetti oħra. Is-Sur Ernest Vella ser jintalab jikteb dwar żmien il-Feniċi.

9.5. Ġew proposti diversi kantanti bħal Lawrence Grey, Annabelle Debono, Julia Grima, Sean Vella, Gaetano Sultana, Mattei Curmi, l-aħwa Incorvaja, l-aħwa Zammit, u Suzanne Bonello. Tressqet proposta li xi kanzunetta jew aktar ikunu bid-dijalett Mellieħi. Bil-għan li jkun hemm kontinwitá bejn kanzunetta u oħra ser issir narrazzjoni. L-isem propost għall-*musical* kien "El Mellaha – Mixja ta' Raħal" billi l-Mellieħa kienet magħrufa hekk fi żmien l-Għarab. Is-Sur R. Cutajar issuġġerixxa li l-*musical* jiġi rekordjat fuq CD li jkun jista' jibiegħ lill-emigranti Melleħin. Huwa ppropona wkoll li jkun hemm għall-bejgħ DVD b'sintesi ta' l-attivitajiet li seħħew fl-Iljieli Melleħin u l-Milied Mellieħi li seħħew f'Settembru u Diċembru 2008, rispettivament.

9.6. Kien hemm qbil li l-kelma "Raħal" illum ma tirriflettix eżatt id-daqs u l-ammont ta' attività fil-Mellieħa. Għalhekk kien hemm qbil li din il-kelma tiġi evitata u l-*musical* jissejjaħ "El Mellaha – Ġrajjietha". Minkejja dan, kien miftiehem li d-deċiżjoni finali għandha tittieħed mill-kompożitur tal-*musical*.

9.7. Il-Kunsill iddeċieda li s-sejħa għan-nominazzjonijiet għall-onorefiċenzi għandhom jinħarġu minnufih permezz tal-gazzetta "Il-Mellieħa", fil-magazin "Mill-Qiegħa", kif ukoll fuq is-sit elettroniku www.mellieha.gov.mt. Dawn għandhom jgħalqu fis-6 ta' Frar 2009.

9.8. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-persuni *shortlisted* għall-unuri għandhom jiġu mistiedna kollha jattendu għas-serata tal-preżentazzjoni, filwaqt li l-persuni magħżula mill-Kunsill jitħabbru

dakinhar stess. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx mal-proposta, peress li minn ikun ser jingħata xi onorefiċenza, normalment ikun akkumpanjat mill-familjari. Jista' jkun il-każ li għalkemm persuna tkun notifikata li ser tkun mal-finalisti, din tagħżel li ma tattendix għal xi raġuni jew oħra.

9.9. Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti l-addozzjoni tal-kriterji li ġew żviluppati mill-kunsilli preċedenti.

9.10. Il-Kunsill ma laqax proposta tal-Kunsillier J. Azzopardi sabiex jiġi emendat il-kriterju 2.4., fis-sens li l-proponenti u sekondanti ta' persuni nominati mhux neċessarjament ikunu ristretti għar-Reġistru Elettorali tal-Kunsilli Lokali għall-Mellieħa. Il-Kunsill ma qabilx li jemenda l-kriterju 2.11, fis-sens li jiġu kkanċellati nominazzjonijiet li għaddew numru ta' snin minn meta jkunu saru.

9.11. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-kriterji 3.3 u 3.4. Huwa qal li forsi dawn itellfu l-mill-kredibilità mal-pubbliku, peress li l-unuri qed jingħataw lill-membri ta' l-istess kunsill li fassal il-kriterji.

9.12. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li għalkemm, skond il-kriterji eżistenti 3.3. huwa jikkwalifika għall-onorefiċenza Ġieħ il-Mellieħa, jaqbel perfettament ma' l-opinjoni tas-Sindku. Għalhekk jemmen li kemm it-3.3. u t-3.4 għandhom jiġu emendati fis-sens li l-unuri jingħataw biss meta sindku jew kunsillier ikunu temmew il-kariga. Il-Kunsillier C. Bartolo qablu ma' din l-opinjoni.

9.13. Is-Sur R. Cutajar irrimarka li minkejja illi jemmen li ż-żewġ kriterji jeħtieġ jiġu emendati, jemmen ukoll illi ex-sindku li serva żewġ mandati jkun jimmeritaħ l-unur Ġieħ il-Mellieħa, irrispettivament jekk ikunx għadu membru tal-kunsill jew le.

9.14. Il-Kunsillier J. Azzopardi għamilha ċara li ma jaqbilx illi jsir tibdil fil-kriterji 3.3. u 3.4. għar-raġuni li għoti ta' l-unuri lill-ex-sindki u kunsillieri ma tiġrix regolari minn sena għal'oħra. Huwa qal ukoll li ma tkunx ġusta għall-kunsillieri attwali li ilhom iservu diversi snin, meta kien hemm ex-sindki u kunsillieri li diġa ngħataw l-unur taħt l-istess kriterji.

9.15. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li kien hemm tliet persuni li ngħataw unuri b'dan il-mod – wieħed kien serva żewġ mandati bħal sindku u tlieta bħala kunsillier, ieħor li serva għal żewġ mandate li f'wieħed minnhom kien sindku, filwaqt li kien hemm persuna oħra li serviet bħala viċi sindku għal tliet snin u għal erba' mandati bħala membru tal-kunsill. Is-Sur Bartolo qal ukoll li fit-tliet każi, dawn kienu jissuperaw il-kriterji stabbiliti. Is-Sur E. Bartolo esprima li huwa jaqbel illi l-kriterji 3.3. u 3.4 għandhom jiġu emendati t-tnejn.

9.16. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li huwa jaqbel li ex-sindku għandu jingħata l-unur Ġieħ il-Mellieħa wara mandat wieħed, iżda jaqbel li fil-każ tal-kunsillieri, l-unur Rikonoxximent il-Mellieħa jingħata wara li dawn itemmu l-kariga. Il-Kunsillier H. Fenech qabel ma' din l-opinjoni għar-raġunijiet ta' kredibilità.

9.17. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel l-kriterju 3.3 m'għandux jiġi emendat, filwaqt li t-3.4 jinbidel kif jidher hawn taħt:

> *"3.4. Kunsilliera li servew għal tliet termini differenti, li mhux neċessarjament ikunu konsekuttivi, awtomatikament jingħataw l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" fi tmiem il-kariga.".*

9.18. Il-Kunsill iddeċieda li għat-tliet snin li ġejjin, in-numru ta' unuri li jingħataw, oltre dawn mogħtija taħt il-kriterji 3.3 u 3.4 għandhom ikunu massimu ta' wieħed fil-każ tal-Ġieħ, u tlieta fir-rigward tar-Rikonoxximent. Għalhekk il-kriterju 3.10 għandu jinqara kif ġej:

> *"3.10. Fl-edizzjonijiet 2009/2010/2011, "Ġieħ il-Mellieħa" għandu jingħata lil mhux aktar minn persuna waħda, waqt li "Rikonoxximent il-Mellieħa" għandu jingħata lil mhux aktar minn tliet persuni. F'kull każ, is-Sindku u/jew il-Kunsilliera huma esklużi.".*

9.19. Fl-aħħar tad-diskussjoni, is-Sindku talab l-kunsens tal-Kunsill sabiex id-deċiżjonijiet organizzattivi li jeħtieġ jittieħdu sa ma jerġa jiltaqa' il-Kunsill, jittieħdu konsultazzjoni mal-Kunsillier C. Bartolo. Il-Kunsill approva sabiex ma jintelifx żmien.

**10.1. Proġett taħt il-*YOUTH INITIATIVE PROGRAMME* (P/10/2/Vol III)**

10.2. Is-Sindku aċċenna għall-applikazzjoni li kienet saret għall-fondi mill-Unjoni Ewropea li jammonta €10,000, permezz tal-programm imsemmi. Is-Sur R. Cutajar għarraf li mit-tagħrif li għandu mistennija tittieħed deċiżjoni fi ftit taż-żmien ieħor.

10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**11.1. Servizzi klerikali permezz ta' sejħa għall-offerti (P/7/1/Vol VIII)**

11.2. Is-Sindku rrefera għall-Memo 27/2008 datat 29 ta' Settembru 2008, mibgħut mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn intqal li l-proċess ta' konsultazzjoni dwar ir-riforma tal-Kunsilli lokali kien wasal fi stadju avvanzat u nbeda l-proċess ta' l-analiżi li għandu jwassal għall-bidliet meħtieġa. Fakkar ukoll li l-istess memo jgħid ukoll li b'effett immedjat u sakemm jingħata avviż ieħor, l-ebda Kunsill Lokali ma jista' jixtri jew b'xi mod ieħor jagħmel użu minn persuni fuq xogħol klerikali sakemm mhux skond kif provdut fl-artikolu 53 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Il-memo kien jgħid ukoll li fejn hemm kuntratti eżistenti u dawn jiġu fi tmienhom, dawn ma għandhomx jiġu mġedda sakemm ma tingħatax l-approvazzjoni tad-Dipartment. Is-Sur R. Cutajar fakkar li ż-żewġ kuntratti li għandu l-kunsill f'dan ir-rigward ser jiskadu fit-29 ta' Frar 2009. Huwa għalhekk ippropona li għandu jintalab il-permess tad-Direttur Gvern Lokali sabiex il-kuntratti attwali jiġu estiżi minn xahar għal xahar jew għall-perjodu li jidhirlu huwa sakemm il-posizzjoni tagħhom tiġi ċċarata.

11.3. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

12.1. **Ftehim ta' koperazzjoni ma' l-Għaqdiet Mużikali (K/2/53)**

12.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf lill-Kunsill li fit-18 ta' Diċembru 2008 saret laqgħa tas-Sotto-Kumitat dwar ir-Relazzjonijiet ma' l-Għaqdiet, fejn fost affarijiet oħra qed jiġi propost li l-ħlas għas-servizzi li jingħataw mill-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa għas-snin 2009, 2010 u 2011 jiżdied b'medja ta' 7.04% kull sena. Huwa qal ukoll li ser jitfassal kwestjonarju bil-għan li jiġi stabbilit x'tip ta' servizzi jistgħu jingħataw mill-għaqdiet l-oħra. Laqgħa oħra tas-sotto-kumitat hija ppjanata li sseħħ fit-8 ta' Jannar 2009.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**13.1. Wirja ta' Muturi, Karozzi u Trakkijiet Kollettibbli (A/5/3/Vol IX)**

13.2. Is-Sindku għarraf illi diversi persuni Melleħin li għandhom vetturi kollettibbli talbuħ sabiex kmieni fl-2009 terġa tittellgħa wirja f'Misraħ il-Parroċċa. Huwa qal li jemmen bi sħiħ illi dawn in-nies għandhom jiġu nkoraġġiti f'dan id-delizzju u għalhekk il-Kunsill huwa fid-dover li jappoġġa inizjattivi ta' din ix-xorta.

13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ffissa l-25 ta' Jannar 2009 meta għandha ssir il-wirja f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-10.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar 2009 fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**